IX-XGĦAJRA

Minuti tal-Laqgħa Nru46 (Sitta u Erbgħin) tat-tmien (8) legislatura, tal-Kunsill Lokali x-Xgħajra li saret b'urgenza online nhar it-Tlieta 22 ta' Marzu, 2022, fil-5.00pm

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | Il-Membri |
| Is-Sindku | Neil Attard |
| Il- Kunsilliera | Raymond Camilleri |
| **Skuzati:** | |
| Il-Vici Sindku | Rosabelle Pulis |
| Il-Kunsilliera | Mary Doris Borg |
| | Raymond Camilleri |
| | Anthony Valvo |
| **L-Uffiċjal:** | |
| Is-Segretarju Eżekuttiv | Ranier Busuttil |

Is-Sur Neil Attard ippresedja l-laqgħa u qal li skond il-ligi wara li diġa ssejħu żewġ laqgħat b'urgenza bl-istess suġġett u bqajna ma għandnix kworum illum li hija it-tielet laqgħa ser issir xorta waħda bil-preżenza tas-Sindku u l-Kunsillier Raymond Camilleri.

**46.1. Item Nru 46.1 fuq l-Aġenda – Fondi tal-Water Services Corporation**

46.1.1 Is-Sindku qal li l-fondi għal din is-sena irċevejnihom, €10,000 u wara li kellu diskussjonijiet mal-għaqdiet tax-Xgħajra huwa qal li kellu talbiet minn Street Element Crew, minn Xgħajra Scouts Group kif ukoll minn Xgħajra Tornadoes sabiex ngħinuhom f' inizzjattivi li qed jagħmlu u bħala proġetti b'kollaborazzjoni. Dan anke minħabba l-fatt li dawn il-fondi iridu jintużaw mil-komunità sabiex jibbenefikaw kemm jista jkun individwi.

IX-XGĦAJRA

Is-Sur Attard qal li Street Elements Crew talbu l-ammont ta' €2,000 sabiex jagħmlu xogħol ta' upgrade u manutenzjoni fiċ-ċentru fejn jiltaqgħu żgħażagħ mix-Xgħajra u id-dħul ser ikun b'xejn.

Is-Sindku kompla u qal li Xgħajra Scouts talbu li jsir xogħol ta' upgrade fix-showers u bathrooms tal-Fortizza. Għal dan il-għan saret stima ta' €1,500. B'dan ix-xogħol ix-Xgħajra Scouts Group ser ikunu jistgħu jospitaw Scouts Groups minn postijiet oħra sabiex iqattgħu ftit ġranet ta' kampeġġ.

Is-Sur Neil Attard qal ukoll li x-Xgħajra Tornados talbu għal għajnuna sabiex jinktraw equipment adegwat sabiex ikun jista jintuża wkoll mil-komunita bil-valur ta' €2,000.

Wara li s-Sindku qal li l-kumplament tal-fondi jew jitħallew f'każ li l-applikazzjoni tal-bankijiet tiġi milqugħa u għalhekk ikollna biex inħallsu l-20%.

Għalhekk is-Sindku ippropona li dawn il-fondi jiġu mqassmin hekk u l-Kunsillier Raymond Camilleri issekonda.

Il-Laqgħa intemmet fil 5.35pm.

| Ranier Busuttil | Neil Attard |
| --- | --- |

Kunsill Lokali Xgħajra – Xgħajra Local Council
Delle Grazie Battery
Triq Dwardu Ellul
Xgħajra XJR1460 – Malta
Tel: 21694646
E-Mail xghajra.lc@gov.mt